MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 56

It-Tnejn,10 ta' Diċembru, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (7)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Is-Sur Johann Borg (JBO) Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 56.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

56.1.1. Is-Sindku JC informa li l-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ Lokali Michaela Maria Chircop ma setgħatx tkun preżenti u talbet li tkun skużata.

56.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 56.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

56.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tal-erbgħa u ħamsin (54) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

56.2.1.1. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.4.2 u talab li l-kelma pont, tiġi sostitwita bil-kelma moll. Il-Kunsill qabel.

56.2.1.2. Il-Kunsillier AC ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier SZ favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

56.2.2. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 54.10.4 u rrimarka li huwa issuġġerixxa wkoll li jsiru *pelican lights* fejn l-iskola. Il-Kunsill qabel li tali talba ssir lill-Infrastruttura Malta.

56.2.3. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 54.2.1.1 u staqsa minn fejn t'oriġina l-kontribuzzjoni ta €100,000 mill-Freeport.

56.2.3.1. Huwa kien infurmat li ser issir verifika u jiġi infurmat.

56.2.3.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li huwa għadu jsostni dwar l-importanza li l-Kunsill ikollu l-lista ta' kif qed jitqassmu dawn il-fondi.

56.2.3.3. Il-Kunsill innota li l-istess Kunsill f'numru t'okkażżjonijiet gawda minn dan il-fond.

56.2.3.4. Il-Kunsill qabel li jiġi ppreparat lista t'attivitajiet u proġetti żgħar bl-ispejjeż relevanti, sabiex issir talba lill-Freeport għall-assistenza.

56.2.4. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 54.2.5 li titratta l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, u irrimarka, li għalkemm din ġiet diskussa diversi drabi, il-ħaddiema għadhom xorta jagħmlu xogħol ta' tindif, a skapitu ta' manutenzjoni.

56.2.5. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 54.2.6 li titratta talba għall-pjanti ta' Triq il-Port Ħieles, u staqsa jekk kienx hemm tweġiba.

56.2.5.1. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

56.2.6. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 54.2.8 li titratta l-laqgħa mal-Onor Konrad Mizzi. Huwa talab li matul din il-laqgħa jiġi diskuss ir-rapport ta' storbju tal-Freeport.

56.2.6.1. Is-Sindku fakkar li kull rapport li jidħol jiġi diskuss fl-EMC meeting, liema minuti jiġu iċċirkolati hekk kif ikunu approvati.

56.2.6.2. Il-Viċi Sindku JB talab lill-Kunsilliera li l-ewwel jaraw il-minuti tal-laqgħat.

56.2.7. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 54.4.3 u staqsa jekk kienx hemm risposti għat-tiswija tar-*retention wall* tal-*prominade*.

56.2.7.1. Huwa informa fin-negattiv.

56.2.8. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 54.4.5 u staqsa jekk il-Kunsill jafx ta' min huma l-artijiet, kemm hija d-durata taċ-ċens.

56.2.8.1. Is-Sindku informa li diġà ġie imwieġeb li huma tal-Enemed, iżda fuq iċ-ċens, il-Kunsill m'għandux informazzjoni.

56.2.8.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li proposta għall-ġemellaġġ proprju tinkludi investiment fid-Depot 31 ta' Marzu, u għaldaqstant staqsa jekk hemmx xi *commitment* uffiċjali.

56.2.8.3. Is-Sindku informa li hemm ħsieb, iżda ma hemmx *commitment*.

56.2.9. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 54.4.9 li titratta Triq Mons Spir Penza u staqsa jekk hux ser tinfetaħ kollha.

56.2.9.1. Is-Sindku informa li t-triq se ssir sa fejn hemm il-ħajt li tela' bħalissa.

56.2.10. Il-Kunsillier AC għamel referenza għall-materja 54.10.3 li titratta spazju ta' parkeġġ tal-*Electric Vehicles* meħudin minn Transport Malta / GOTO, u staqsa meta ser isiru l-aġġustamenti.

56.2.10.1. Huwa kien infurmat li t-talba intbagħtet.

56.2.11. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-materja 54.4.15 u staqsiet jekk saritx laqgħa mal-Gwardjani Lokali.

56.2.11.1. Is-Sindku informa fin-negattiv.

56.2.12. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.2.7.1 li titratta *survey* minn Triq Salvatore Cachia Zammit sa Triq Herakles u staqsa fiex wasal il-proċess.

56.2.12.1. Huwa kien infurmat li dan għaddej fil-preżent.

56.2.13. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.2.9.1 li titratta toroq ġodda fiż-żona tal-Girgħien, u rrimarka dwar il-bżonn li jkun hemm pjan għall-immaniġġjar tal-ilma.

56.2.14. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.2.11.1 u staqsa jekk wasalx ir-rapport dwar l-għoti tal-unuri.

56.2.14.1. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

56.2.15. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.2.12 li titratta d-dwal taz-*zebra crossing* fil-pjazza tal-Knisja.

56.2.15.1. Il-Kunsill qabel li l-ħsarat imsemmija għandhom isiru mill-kuntrattur li għamel it-triq.

56.2.16. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.3.3 li titratta ATMs u staqsa jekk iridx isir proċess ta' devoluzzjoni.

56.2.16.1. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

56.2.17. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.4.11 li titratta l-parkeġġ ta' Triq Wied il-Buni u informa li għalissa żamm il-materja ftit pendenti minħabba li ser isiru xi xogħlijiet ta' asfaltar fil-viċin, u b'hekk ma jiġux disturbati spazji ta' parkeġġi f'mument kritiku.

56.2.18. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.4.28 li titratta l-proġett ta' *Seabin* minn Zibel, u staqsa jekk bdewx id-diskussjonijiet.

56.2.18.1. Huwa kien infurmat fl-affermattiv.

56.2.19. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.4.31 li titratta numru ta' pendenzi minn Transport Malta, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

56.2.19.1. Huwa kien infurmat fin-negattiv.

56.2.20. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.4.33 li titratta żbir ta'siġar.

56.2.20.1. Huwa kien infurmat li saret it-talba lill-Kuntrattur.

56.2.21. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.4.34 li titratta *earth electrodes* fl-imħażen f'Tal-Papa, u staqsa jekk hemmx żviluppi.

56.2.21.1. Huwa kien infurmat li saret laqgħa mal-Kuntrattur fuq din il-materja.

56.2.21.2. Huwa kien mitlub jitkellem mal-kuntrattur sabiex tissolva diffikultà li hemm.

56.2.22. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 54.10.2.1 li titratta linji sofor bejn Triq Santa Rita u t-trejqa ta' wara s-St John Ambulance, u rrimarka li għadhom ma sarux.

56.2.23. Il-Kunsillier JB għamel referenza għall-minuta 54.14.4 li titratta l-ġbir ta' Skart u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti rendikont.

56.2.23.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li saru l-laqgħat mal-kuntrattur rakkomandat, dan ta' l-aħħar irrifjuta l-kuntratt. Huwa żied jgħid li sussegwentement, għan-nom tal-Kunsill tkellem mal-kuntrattur li kien imiss skont ir-rapport tal-evalwazzjoni, sabiex jivverifika l-interess tiegħu għall-aċċettazzjoni tal-kuntratt, u sussegwentement jieħu l-offerta ta' ġbir ta' skart.

56.2.24. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tal-ħamsa u ħamsin (55) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

56.2.24.1. Il-Kunsilliera JBD resqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera LAG favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: JBD, LAG, JC, JB, AC
Kontra: -
Astensjonijiet: SZ

## 56.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

56.3.1. Is-Sindku JC informa li l-Għaqda Sajjieda Dilettanti Birżebbuġa talbu li jsiru regolamenti li jirregolaw l-ispazju ta' ħdejn il-*Winch Room* (il-moll), simili għal dawk li saru għaż-żona pubblika ta' faċċata tas-sit imsemmi.

56.3.1.1. Il-Kunsill qabel li qabel ma tittieħed deċiżjoni, għandu l-ewwel jiġi ivverifikat min hu s-sid / l-awtorita' responsabbli tal-art/żona imsemmija.

56.3.2. Is-Sindku JC informa li ġie approvat l-estensjoni tal-kuntratt tal-Proġett Kapitali li kien jinkludi miljorament fid-dwal tal-*prominade* tal-Bajja s-Sabiħa.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

56.4.1. Il-Kunsillier AC staqsa lis-Sindku meta ser jibda xogħol fuq tranġar u bdil ta' bankini.

56.4.1.1. Is-Sindku JC informa li hemm ħafna bankini fi bżonn ta' manutenzjoni, jew li jiġu mibdula, u li dawn għandhom jiġu kkunsidrati meta tingħata l-offerta li hemm pubblikata fil-preżent.

56.4.2. Il-Kunsilliera LAG tkellmet dwar l-ilma tax-xita li jgħaddi minn Triq iż-Żibra, fejn matul iż-żmien kien hemm talbiet sabiex isir intervent, minħabba l-għargħar.

56.4.2.1. Is-Sindku JC informa li sabiex tittaffa l-problema jistgħu jittieħdu diversi miżuri, fosthom li tinbena t-triq mill-ġdid bil-qlib tal-ilma differenti.

56.4.2.2. Is-Sindku JC informa li meta sar l-asfaltar reċentement ta' Triq Tal-Ġebel, ittieħdu miżuri sabiex jinqabad l-ilma, u b'hekk jiġi ffrankat milli jasal sa Triq iż-Żibra.

56.4.2.3. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat dwar il-bżonn li l-ispralli jinżammu nodfa u jitnaddfu sewwa.

56.4.2.4. Il-Kunsill tkellem dwar il-bżonn li titnaddaf il-bokka tal-ilma li hemm fi Triq is-Sebħ.

56.4.3. Il-Kunsilliera LAG staqsiet dwar il-possibbiltà li jiġu organizzati korsijiet dwar l-użu tal-Informatika. Hija rrimarkat li dawn jistgħu jsiru flimkien mal-Jobsplus. Hija ssuġġeriet li l-Kunsill jipprovdi t-trasport.

56.4.3.1. Is-Sindku informa li tali korsijiet jistgħu jsiru la darba huma b'xejn, u għalhekk irrimarka li l-Kunsilliera LAG tista' taħdem fuq il-materja, għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

56.4.4. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-iskema ta' restawr fejn kien imħabbar li l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet milqugħa u ser jiġi rrestawrat ir-Ridott ta' San Ġorġ. Hija staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex id-dettalji.

56.4.4.1. Hija kienet infurmata li l-Kunsill għadu ma rċeviex id-dettalji.

56.4.5. Il-Kunsilliera JBD staqsiet dwar il-possibbilta' ta' dawl tat-toroq aħjar fil-pjazza ta' Bengħisa, kif ukoll allegazzjoni li inbidlu l-livelli tal-asflatar, u sar iktar għoli.

56.4.5.1. Is-Sindku informa li reċentement, twaħħlu dwal addizzjonali.

56.4.5.2. Is-Sindku informa li qed jaħdem fuq il-materja tal-livell tal-asfalt, madankollu, huwa rrimarka li l-livelli saru għoljin snin ilu, u mhux xi ħaġa t'issa.

56.4.6. Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk kienx hemm żviluppi dwar il-pont suġġerit bejn il-*prominade* u l-kantuniera tal-*Country Style*.

56.4.6.1. Is-Sindku informa li qed jiġi konkluż id-disinn u jistenna lill-kuntrattur li jibda x-xogħol.

56.4.7. Il-Kunsilliera JBD infurmat dwar tappieri li sfrondaw fi Triq il-Qajjenza, u staqsiet jekk itteħditx azzjoni.

56.4.7.1. Is-Sindku JC informa li sar rapport lil *Transport Malta* minħabba li dan ix-xogħol għadu bil-garanzija.

56.4.8. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk hemmx proċedura ta' kif tiġi trattata l-problema tal-ġrieden u dan għaliex ġew innotati ġrieden f'Misraħ il-Knisja u f'Misraħ il-Pajtier, kif ukoll ġrieden u kokroċ fl-ex-bandli ta' Triq Santa Katerina.

56.4.8.1. Is-Sindku informa li l-Kunsill jirrapporta lis-sezzjoni tar-*Rodent Control* li immedjatament jieħdu passi.

## 56.5 Rapporti;

56.5.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 56.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

56.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 56.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

56.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 11/18 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

56.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JBD u ssekondata mill-Kunsillier AC , ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

56.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Novembru 2018 bir-riferenza 11/2018 (Anness Dok A3), li ġie ċċirkolat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

56.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier AC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 56.8 Mozzjonijiet;

56.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 56.9 *Memorandum of Understandings* mill-AKL

56.9.1. Il-Kunsill iddiskuta l-*Labour Supply Agreements* proposti mill-AKL fir-rigward tas-CWSEF u tal-RSSL.

56.9.1.1. Il-Kunsill qabel li jkun parteċipi, u sussegwentement jiffirma l-mandat.

56.9.1.2. Il-Kunsill qabel ukoll li, sabiex kull ħaddiem ikun trattat l-istess, għandu jinġab permess sabiex il-ħaddiem tal-RSSL, ikollu bonus ukoll, bħal kull ħaddiem ieħor assenjat.

56.9.2. Il-Kunsill iddiskuta l-*Memorandum of Understanding* proposti mill-AKL fir-rigward tal-*Primary Healthcare*.

56.9.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ma jipparteċipax minħabba nuqas ta' spazju.

56.9.3. Il-Kunsill iddiskuta l-*Local Integration Charter* propost mill-AKL.

56.9.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel fil-prinċipju, iżda qabel li għandha tinġabar iktar informazzjoni bħal spazju rikjest, l-irwol, il-parteċipazzjoni, ir-riżorsi, u t-taħriġ qabel ma jikkonferma l-parteċipazzjoni.

## 56.10 Traffiku u Parkeġġ;

56.10.1. Is-Sindku ressaq talba mill-bejjiegħ tal-ħaxix, sabiex jingħata spazju fiss riservat fi Trejqet l-Iskola, nhar ta' Tnejn u Ħamis, mit-3.30pm sad-9.00pm.

56.10.1.1. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jipproċessa applikazzjoni ma' *Transport Malta*, suġġett li ma jintmessx l-ispazju ta' parkeġġ riservat għall-persuni bi bżonnijiet differenti.

## 56.11 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

56.11.1. Ma kienx hemm applikazzjonijiet diskussi.

## 56.12 Street Lighting;

56.12.1. Il-Kunsillier SZ ippropona l-ikkonnettjar ta' żewġ lampi fit-triq magħrufa bħala Triq Wied Has-Saptan.

56.12.1.1. Il-Kunsill innota li dawn ilhom snin mhux ikkonnettjati, minħabba li l-Kunsill kien intalab iħallas ammont sostanzjali ta' flus sabiex dan isir.

56.12.1.2. Il-Kunsill qabel li ssir it-talba, u jkun jista' jiddeċiedi skont l-ispejjeż involuti.

56.12.2. Il-Kunsill innota li fi Triq it-Torri hemm żewġ arbli li ma fihomx bozoz. Il-Kunsill qabel li ssir riċerka dwar dan.

56.12.3. Il-Kunsill innota li x-Xatt San Ġorġ kien qed ikun mitfi ta' spiss.

56.12.3.1. Is-Sindku informa li kien hemm xi ħsarat intermittenti.

56.12.4. Il-Kunsill kien infurmat li wieħed mill-*cables* tad-dawl li jissupplixxi il-*meter* ta' ħdejn il-*greek theatre* għandu l-ħsara. Il-Kunsill kien infurmat li temporanjament, qed jintuża *wire* wieħed. Il-Kunsill kien infurmat li l-Enemalta għandhom isewwu din il-ħsara.

## 56.13 Attivitajiet tal-Kunsill;

56.13.1. Il-Kunsillier AC tkellem dwar il-kunċert li ser jiġi organizzat mill-Kunsill fi żmien il-Milied, u fakkar fid-dettalji tal-programm.

56.13.1.1. Il-Kunsill qabel li jsiru *posters,* u jinħarġu l-inviti.

56.13.2. Il-Kunsillier AC staqsa dwar min ser iħallas għall-ispejjeż addizzjonali ma' dawk tl-iskema għall-attivita' tar-Regatta. Huwa kien infurmat li dawn jitħallsu mill-Kunsill.

## 56.14 Offerti Pubbliċi;

56.14.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-bord tal-Evalwazzjoni għadu ma evalwax l-offerta relatata maż-żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi.

56.14.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kuntrattur eżistenti tal-ġbir ta' skart, talab varjazzjoni fil-prezz, għall-ġranet li jarmi l-iskart il-Magħtab.

56.14.2.1. Il-Kunsill m'approvax ħlas addizzjonali.

56.14.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kuntrattur Polidano Group kien għadu ma bedix Triq il-Brolli. Huwa informa, li skont id-deċiżjoni tal-Kunsill, huwa ġibed il-garanzija bankarja.

56.14.3.1. Il-Kunsill qabel li, ġaladarba l-Kuntrattur ma bedix ix-xogħol, għandha issir l-evalwazzjoni tal-offerta maħruġa partikolarment fuq għall-Miżura 4.3.

56.14.4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li, b'żieda mal-punti diskussi f'minuta 56.2.23, il-kuntrattur Saviour Mifsud, aċċetta l-kuntratt ta' ġbir ta' skart.

56.14.4.1. Il-Kunsill qabel unanimament li jikkonferma d-deċiżjoni informali, u b'hekk jiġi iffirmat il-kuntratt ta' Ġbir ta' Skart mal-Kuntrattur imsemmi, b'effett mill-1 ta' Diċembru.

## 56.15 Tismija ta' Toroq;

56.15.1. Il-Kunsill irċieva talba mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq sabiex jingħata isem għall-triq li tibda minn Triq Wied Has Saptan.

56.15.1.1. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi l-isem "Triq il-Fortizza ta' Karaġ."

56.15.2. Il-Kunsill iddiskuta tismija ta' toroq ġodda fiż-żona tal-Girgħien.

56.15.2.1. Il-Kunsill qabel dwar l-ismijiet ta' Triq Dun Karm Bugelli, Triq Temi Conti, Triq Ferdinand Stufflesser II u Triq il-Barrieri, f'ordni ta' preferenza.

## 56.16 Xibka tal-Grawnd tal-Bajja s-Sabiha;

56.16.1. Il-Kunsill qabel li sejħa pubblika, hekk kif ċirkolata mis-Segretarju Eżekuttiv għandha tinħareġ, u b'hekk dan l-ass ikun jista' jinbieħ.

## 56.17 Proġetti u Xogħlijiet;

56.17.1. Is-Sindku informa dwar talba għall-bankina fi Triq in-Narċiż. Huwa informa li qed jaħdem fuq il-materja.

56.17.2. Is-Sindku tkellem dwar proposta sabiex isiru fanali ornamentali fil-pjazza ta' Bengħisa. Huwa żied jgħid li similarment, hemm bżonn isiru fanali ornamentali f'Misraħ San Ġorġ Preca.

56.17.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jinbeda l-proċess, għall-istimi relevanti, u eventwalment il-ħruġ tal-offerta.

56.17.3. Il-Kunsill tkellem dwar retaining wall li ċeda fi Triq Wied Has Saptan u kien hemm qbil li ssir spezzjoni fuq is-sit. Il-Kunsill qabel ukoll li tiġi eslorata l-possibilita' li ssir crash barrier fi Triq Birzebbuġa, kantuniera ma Triq San Mikiel

## 56.18 Estimi Finanzjarji;

56.18.1. Il-Kunsill innota li ma kienx hemm kummenti mressqa mill-pubbliku matul il-laqgħa annwali, ai termini tal-estimi kif proposti.

56.18.2. Il-Kunsill qabel unanimament dwar il-bżonn li jissaħħaħ l-uffiċċju amministrattiv permezz t'ingaġġ ta' persuna oħra, u dan għaliex l-impjegati preżenti mhumiex ilaħħqu max-xogħol.

56.18.3. Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li għandu jsir aġġustament fl-estimi finanzjarji skont minuta 56.18.2, u sussegwentement, l-estimi għandhom jitqiesu approvati.

## 56.19 Pjan ta' Ħidma ta' 3 snin;

56.19.1. Il-Kunsill innota li hemm bżonn isir aġġustament, sabiex ikopri minuta 56.18.2.

56.19.2. Il-Kunsill qabel li jiġi rivedut u jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 56.20 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

56.20.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 7 ta' Jannar 2019.

Konfermati, illum 7 ta' Jannar, 2019.

Joseph Cutajar
Sindku

Svetlick Flores
Segretarju Eżekuttiv